# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tas-26 ta' novembru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 234/2015**

**Il-Pulizija**
**(James Grech)**
**vs.**
**John Pierre Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat John Pierre Farrugia ta' erbgħa u tletin sena (34), bin John u Josephine nee Aquilina, imwieled Pieta' fil-15 ta' Novembru, 1980, u residenti nru. 9, Triq il-Punent, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' nru. 73481M fejn ġie mixli talli nhar l-10 ta' Frar 2015, għall-ħabta tas-19:30hrs ġewwa l-Ħamrun:

1. Ikkometta serq ta' travetti u/jew ta' oġġetti oħra minn ġewwa sit kostruzzjoni liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-valur li ma jeċċedix €2329.37 u bil-Ħin għad-detriment ta' Alfio Micallef u Charles Azzopardi/jew persuna, persuni, entita' u/jew entitajiet oħra;
2. U aktar talli xjentement laqa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. U aktar talli fl-istess data', ħin, lok u ċirkostanzi kif ukoll fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala s-sid, is-sewwieq u/jew il-persuna nkarigat u/jew responsabbli minn vettura tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BBD739, ħalla fit-triq jew f'post pubbliku, jew saq l-istess vettura mingħajr liċenza maħruġa mill-Awtorita' u mġedda kull sena u kif ukoll mingħajr ma kellha d-diska tal-liċenza imwaħħla fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen b'mod li tidher minn quddiem;
4. U aktar talli fl-istss data', ħin, lok u ċirkostanzi kif ukoll fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, bħala s-sid, is-sewwieq u/jew il-persuna nkarigat u/jew responsabbli minn vettura tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BBD739, saq l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbilit mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BBD739 kif maħsub f'Artikolu 3(2)(c)(i) ta' Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta jew b'żieda mal-pieni indikati fl-istess sub-paragrafu, twaħħal multa oħra li tkun daqs il-valur tal-vettura bil-mutur kif maħsub fl-Artikolu 3(2)(c)(ii) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dan apparti l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar kif maħsub ukoll fl-Artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll li matul l-istess seduta l-uffiċjal prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ

[1] Folio 8 u 9 tal-atti proċesswali.

jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li matul is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[2]

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat : -***

Illi nhar l-10 ta' Frar 2015 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, l-Uffiċjali tal-Pulizija PC497 Ryan Galea u PC107 Nicholas Dalli li kienu qedgħin jagħmlu r-ronda bil-vettura tas-servizz, irċevew kjamata mill-*Control Room* fejn intalbu jindagaw dwar xi aġir suspettuż fi Triq Farsons, fil-Ħamrun, kantuniera ma' Triq San Gejtanu. Meta dawn l-Aġenti tal-Pulizija avviċinaw din it-Triq innutaw li kien hemm xi persuni li kienu qegħdin ħdejn vann tal-għamla Ford Transit ta' lewn abjad li kellu n-

[2] Folio 157 tal-atti proċesswali.

numru ta' reġistrazzjoni BBD739 u li kien wieqaf f'nofs din it-triq. Kif avviċinaw il-vettura in kwistjoni nnutaw li żewġ persuni minn fost dawk li kienu ħdejn il-vann, rikbu ġol-vann u telqu minn fuq il-post filwaqt li l-bqija tal-persuni resqu mit-triq u nfirxu. Il-Pulizija akkostaw lis-sewwieq ta' dan il-vann, senjatament l-imputat Farrugia xi ħamsin metru aktar il-fuq minn fejn kien oriġinarjament, ordnawlu biex jieqaf u hu waqaf. Hu niżel mill-vettura u filwaqt li l-Pulizija avviċinawħ biex ikellmuħ, il-passiġier ta' din il-vettura ħareġ mill-vann in kwistjoni u telaq minn fuq il-post u qatt ma ġie identifikat.

Il-Pulizija talbu lil Farrugia sabiex jiftħilhom il-vann biex jispezzjonawħ fejn hemmhekk irriżulta li kien hemm disa' travetti. Innutaw ukoll li l-ġakketta li kien liebes kienet mimlija trab. L-imputat ingħata d-debita twissija u d-drittijiet tiegħu fejn ġie nfurmat bl-arrest tiegħu u meta ġie mistoqsi minn fejn ġab it-travetti in kwistjoni, hu stqarr li kien ġabhom minn sit ta' kostruzzjoni ftit il-bogħod minn fejn kienu waqfuħ, speċifikament fi triq San Gejtanu l-Ħamrun.[3] Dan is-sit ġie spezzjonat

[3] A fol 86, PC497 Ryan Galea jgħid hekk :

> Infurmajtu jekk kienx tiegħu l-van u qalli li kien issellfu mingħand dan l-auto dealer u fil-vettura kellu xi travetti ppustjati fuq wara plus hekk kellu gakketta sewda li kellha xi trab fuqha ukoll, staqsejtu minn fejn kien gabhom it-travetti u kien ammetta magħna illi dawn gabhom minn go site ta' kostruzzjoni fi Triq San Gaetano stess jigifieri pass minn fejn konna qiegħdin aħna. Tlabt lil kollega biex jinfurmah bid-drittijiet tiegħu u tajnieh kopja tad-drittijiet tiegħu u wara more indikali l-post minn fejn dan kien gabhom dawn it-travetti go site ta' kostruzzjoni li kien jinsab go Triq San Gaetano, kien hemm ħajt qisu daws xejn maqlub, ittawwalt ftit gewwa u kien fadal xi travetti oħra l-istess bħal ma kellu fil-van. Minn hemm hekk infurmajt lis-Surgent ta' l-għassa biex jigu fuq il-post u jkomplu min naħa tagħhom as such.
> Qorti: Jigifieri inti qed tgħid li l-imputat stess idderigik għal post?
> Xhud: Idderigieni għal fejn gabhom dawn.

Li dan id-diskors intqal lil PC497 u lil PC107 huwa konfermat ukoll minn PS830 li jgħid mhux biss li dawn qalulu li l-imputat kien qallhom mnejn kien ġab dawn it-travetti, talli anke hu jgħid is-segwenti a fol 160 :

> Barra minn hekk John Pierre wara li kellimtu ukoll u ergajt tajtu l-caution, li qed ngħarfu hawn hekk fl-awla. Kellu gakketta sewda, mimli bit-trab u fejn il-Pulizija ta' l-RIU qaluli li hu qalilhom illi waqt li

mill-Pulizija fil-preżenza tal-imputat fejn irriżulta wkoll li kien hemm xi travetti oħra simili għal dawk li kienu nstabu fil-vann tal-imputat u li dehru, mill-mod kif instabu, li setgħu kienu ser jitgħabbew ukoll. Irriżulta mill-investigazzjonijiet magħmula li kien hemm żewġ kuntratturi fis-sit in kwistjoni, senjatament Charles Azzopardi[4] u J. Micallef Limited debitament rappreżentat minn Joe Micallef.[5] Meta dawn ġew mitkellma mill-Pulizija, huma għarfu li t-travetti li nstabu fil-pussess tal-imputat kienu travetti tagħhom, fejn Azzopardi identifika tmienja (8) minnhom u Micallef waħda. Iż-żewġ kuntratturi reġgħu kkonfermaw dawn it-travetti quddiem din il-Qorti u pprovdew ukoll informazzjoni dwar l-istimi relattivi tal-istess ai fini tal-valur tagħhom.

In oltre meta l-Pulizija għamlu l-verifiki tagħhom fuq il-vettura misjuqa mill-imputat irriżulta li din ma kienitx koperta minn liċenzja jew minn assikurazzjoni u b'hekk kienet qed tinstaq mill-imputat kontra l-liġi. Dan ġie kkonfermat ukoll permezz tax-xhieda ta' Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta li xehed li l-liċenzja tal-vettura in kwistjoni kienet skadiet fit-28 ta' Frar tas-sena 2014 u ċioe madwar sena qabel dan il-każ, apparti li ddikjara li l-vettura in kwistjoni hija reġistrata fuq Paul Borg għan-nom ta' Carlos Auto Dealer.[6]

kelmuh l-ewwel beda jħawwad xi diskors imbagħad qalilhom li ħadu minn fuq is-sit ta' kostruzzjoni fil-viċinanzi.

[4] Folio 30 u 113 tal-atti proċesswali datati s-6.5.2015 u t-2.6.2015 rispettivament.

[5] Folio 64 tal-atti proċesswali datata t-2.6.2015.

[6] Folio 10 tal-atti proċesswali datat is-6.6.15 u Dok SC1 a folio 12.

Illi l-għada tal-akkudut u tal-arrest tiegħu, l-imputat irilaxxa stqarrija mal-Pulizija fejn għażel li ma jwieġeb għal ebda mistoqsija li saritlu għajr li kkonferma li kien ingħata d-dritt li jikkonsulta ma avukat, liema dritt hu kien irrifjuta.[7] Meta l-imputat xehed quddiem din il-Qorti[8] hu stqarr illi kien jaħdem bħala *bar operator* u għandu ħanut tax-xorb ġewwa Farsons Street, Ħamrun jismu *3 Monkeys* fejn għal ħabta tas-sena 2015 kien qed joperaħ normali. Spjega li viċin tiegħu hemm il-Union Bar u l-Barun tat-te' u hu ġieli kien imur il-Union Bar għat-te' fejn kien ta' sikwit jiltaqa ma nies tal-bini li kienu qedgħin jaħdmu ġol-blokka bini minn fejn allegatament insterqu t-travetti in kwistjoni. Hu xehed li daħal fid-diskors magħhom fejn saqsihom minn fejn jista' jixtri travi kbar bħalma kellhom fuq is-sit. Jgħid li kien tkellem ma ċertu Hamad li kien ta' nazzjonalita' Sirjana. Skond l-imputat dan is-Sirjan kellu *pick up* miftuħ fejn kellu xi travetti u għodda fil-vann, fejn dejjem skond l-imputat, dan is-Sirjan qallu li kienu qedgħin jaħdmu u seta' jbegħlu ġaladarba jlesti mix-xogħol.

L-imputat allega li hu kellu bżonn dawn it-travetti biex jagħmel raff ġewwa kamra li huwa kellu fil-Belt. Għaddew xi tlett ġimgħat u s-Sirjan avviċinaħ u saqsieħ jekk kienx għadu nteressat u qallu iva, fejn kienu ftehmu li jixtrihom bil-prezz ta' €25 il-wieħed. Deherlu li kien prezz tajjeb u ftiehem miegħu biex jiltaqgħu fit-triq tal-bar tiegħu. Huma għabbewhom u kien ġej wieħed miegħu biex iħotthom il-Belt li ma jafx

[7] Folio 19 Dok JG1 u Folio 28 datat l-11.2.2015.
[8] Folio 186 tal-atti proċesswali datata l-20.4.17.

x'jismu għax kien qiegħed magħhom. Hu kien għadu ma ħalsux lil Hamad u spjega li kien ser jinżel il-Belt biex iħotthom, iħallsu u mbagħad jerġa' lura l-Ħamrun. Stqarr li kif kien beda jsuq biex jinżel il-Belt, ġew il-Pulizija, paqpqulu u tefa' mal-ġenb u kkonferma li kkopera magħhom. L-ieħor li kien miegħu u li kien bilqegħda fis-siġġu tal-passiġier, telaq u ma raħx iżjed.

Rigward il-vann li kien qiegħed juża, l-imputat stqarr li dan kien ser jixtriħ missieru mingħand Carlos Borg ta' Carlos Auto Dealer, wara li l-imputat kien tkellem miegħu u laqqa' lill-missieru ma Carlos. Carlos kellu jġiblu l-*log book* eċċ iżda sa dak iż-żmien missieru kien għadu ma ħallsux. L-imputat jgħid li meta huwa saq il-vettura, din kellha assikurazzjoni għax jgħid li Carlos kien ġie biħ. Iżda wara li l-Pulizija ħadulu t-travetti, l-imputat spiċċa bnieħ hu r-raff u nefaq €400 għal 20 travu ta 15 il-pied il-wieħed u estendihom għal 16-il pied. Meta kien qed jinnegozja mas-Sirjan ma ssuspetta xejn ħażin u stqarr li ħaseb li tagħhom la jaħdmu bihom. Skond l-imputat dan Hamad dejjem ikollu nies differenti miegħu u mhux dejjem l-istess.

Meta ġie kontro-eżaminat, l-imputat xehed li ma stqarrx din l-istorja qabel mal-Pulizija għax xtaq ikellem avukat u ma riedx jinkrimina ruħu. Rigward il-passiġier li kien miegħu stqarr li ma jafx min hu imma kien wieħed li jkun ma Hamad. Ikkonfrontat bid-diskors li qal lill-Pulizija u ċioe' li hu kien ġab it-travetti minn dak is-sit qal li l-Pulizija kienu

saqsewħ 'minn fejn ġew dawn' u mhux minn fejn ġabhom u stqarr li hu rahom jagħbbuhom mis-sit. Ikkonfrontat bil-fatt li kien hemm oħrajn lesti biex jitgħabbew, hu stqarr li disa' kellu bżonn. Hu kien qed jistennihom fil-vann ħdejn il-ħanut tiegħu u l-oħrajn għabbewlu t-travetti. Ikkonfrontat bil-fatt li hu ma ċaqlaqx il-vann iktar viċin biex jgħabbu iktar faċilment stqarr li hu kien diġa pparkjat u li ma kienx hemm fejn tieqaf iktar viċin. Xehed ukoll li l-ieħor telaq jiġri kif avviċinawhom il-Pulizija u ssenjalawhom biex jieqfu u dan mingħajr l-ebda diskors.

Illi in sostenn tal-verżjoni tiegħu d-Difiża ppreżentat ukoll ix-xhud Carlos Borg[9] li kkonferma li huwa s-sid ta' Carlos Auto Dealer u kkonferma li l-van transit in kwistjoni u li kien qed jintuża mill-imputat dakinhar tal-arrest tal-imputat kien tiegħu. Hu stqarr li kien għadu ma tħallasx tal-van u kien ser ibiegħu lil missier l-imputat. Borg jgħid li huwa kien ħalla l-van ħdejn missieru u l-imputat kien preżenti dakinhar. Jgħid fix-xhieda tiegħu li missier l-imputat kien ħallsu tal-vann allavolja ftit mumenti wara ddikjara illi li kien ftiehem ma missier l-imputat li jipprova l-vettura u wara jirranġaw kollox fejn b'hekk rriżulta mill-ġdid li hu effettivament qatt ma tħallas xejn għal din il-vettura.

Borg ikkonferma wkoll li l-*log book* qiegħed għandu u spjega li din il-karrozza kienet fuq *resale* u b'hekk ma jkolliex bżonn ta' liċenzja li

[9] Folio 178 tal-atti proċesswali datata l-15.1.2017. Jidher ċar mill-verbal datat il-15 ta' Frar 2017 li dan kien xhud tad-Difiża u mhux tal-Prosekuzzjoni. Dan qed jingħad in vista ta' dak mistqarr mid-Difiża tal-imputat matul it-trattazzjoni finali li saret quddiem din il-Qorti għar-rigward dan ix-xhud.

tinħarġilha u dan peress li din tinħareġ taħt il-liċenzja tagħhom ta' Auto dealer meta l-karrozza tkun fuq *trial run*. In kontro-eżami ġie mistoqsi jikjarifika jekk filfatt daħħalx flus għal din il-vettura jew le fejn ix-xhud f'dan l-istadju stqarr li iva imma missier l-imputat suppost kien ha jaraħ u jaraw x'jagħmlu. Mistoqsi fuq min kienet it-*trial run* jgħid li dik suppost tkun fuq min tinħareġ imma ġeneralment jekk dak li jkun ser joħodha għand *mechanic* jagħmlulhom *trial run* fuqha biex ma jkollhomx problema. Mistoqsi jekk kellhomx it-*trial run* mal-vann l-imputat jew missieru, Borg jgħid li suppost kien hemm, imma ma jafx. Hu kien mingħaliħ li l-vettura kienet assikurata imma meta kienu ċċekjaw irrealizzaw li kienet skadiet. Ix-xhud ma ftakarx jekk ħax it-*trial run* mill-vann dak il-ħin jew jekk ħallihiex hemmhekk.

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi l-akkużat jinstab akkużat priċipalment bl-akkuża tas-serq tat-travetti u alternattivament jinstab akkużat bir-reat ta' riċetazzjoni.

Id-definizzjoni ta' serq imħadna mill-Qrati Maltin hija dik ta' Carrara, senjatament il-kontrattazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-res furtiva.[10] Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija u li huma s-segwenti:

[10] *'La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro.'*

1. The contrectatio of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. animo lucrandi.

F'dal każ l-aggravji tas-serq kontestat huma elenkati fl-Artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dan il-każ ġew kontestati l-aggravji tal-mezz, valur u ħin.

L-aggravju tal-mezz jista jsir bid-diversi modi senjalati fl-Artikoli 263, 264 u 265 tal-istess Kodiċi, fejn fosthom hemm l-iskalata. Il-Prosekuzzjoni tallega li dan kien il-metodu wżat sabiex dawn it-travetti jinsterqu u dan minħabba kif inhi mqassma l-istruttura tas-sit tal-kostruzzjoni li kien jinstab imdawwar b'ħajt diviżorju li jifred is-sit mit-triq prinċipali.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-Artikolu 267 u li jirriżulta jekk il-valur tal-oġġett misruq jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Finalment għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-ħin skond l-Artikolu 270 is-serq ikun aggravat bil-ħin jekk iser bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx.

Alternattivament għas-serq l-imputat jinstab akkużat bir-reat ta' riċetazzjoni li skond l-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta meta

persuna xjentement tilqa' għandha jew tixtri ħwejjeġ misruqin jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, ikun fejn ikun sar dan ir-reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti. Skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John sive Giovanni Grima***, il-Qorti ppuntwalizzat li:

> l-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).[11]

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri*** il-Qorti spjegat id-differenza bejn ir-reat ta' serq u riċettazzjoni fejn iddikjarat is-segwenti:

> Ir-reat tas-serq huwa ghal kollox differenti mir-reat ta` ricetazzjoni. Bizzejjed wiehed ihares lejn l-elementi kosituttivi ta` dawn iz-żewg reati sabiex jara mal-ewwel id-differenza bejniethom. Per ezempju, l-element intenzjonali fiz-zewg reati huwa ghal kollox differenti. f'kaz ta` serq, l-oggett li jinsteraq jista` jkollu oriġini jew provenjenza legittima, bhal ma generalment ikollu, u l-halliel jiehu dak l-oggett minghand sidu minghajr il-permess teighu, bl-intenzjoni li jaghmel xi forma ta` gwadann. Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrkjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkostanzi partikolri tal-kaz, ikun missu ragonevolment ikun jaf, li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza. Jigifieri x-xjenza tal-malvivent fiz-zewg reati hija ghal kollox differenti. Fil-passat kien hemm gurisprudenza lokali li kienet tikkunsidra r-reat ta` ricettazzjoni bhala reat minuri kompriz u involut fis-serq. Izda din il-gurisprudenza inqalbet u gie rrikonxxut li r-ricettazzjoni huwa reat awtonomu mis-serq.[12]

[11] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Ottubru 2002 mill-Imħallef Vincent Degaetano.
[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Diċembru 1998 mill-Imħallef Patrick Vella.

Illi apparti mir-reat ta' serq ġew ukoll kontestati l-offiżi taħt il-leġilazzjoni sussidjarja 368.02 li tirregola r-reġistrazzjoni u l-liċenzjar tal-vetturi bil-mutur fejn il-Prosekuzzjoni rravviżat il-ksur tar-regolamenti 13 u 17 ta' din il-leġislazzjoni u ċioe' l-ħtieġa tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni filwaqt li din tkun qed tintuża u anke jekk tkun ipparkjata, kif ukoll dik tad-diska tal-liċenza ta' vettura li kienet mankanti mill-van Ford Transit li kienet qed tintuża mill-imputat. Skond is-subArtikolu (4) tar-regolament 13 huwa sid il-vettura li jrid japplika għall-ħruġ ta' liċenza tal-vettura li tkun.

Finalment l-imputat jinstab ukoll akkużat bil-ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoe l-Ordinanza dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur għar-riskji ta' Terzi Persuni fejn taħt din il-Liġi jekk l-imputat ma jurix li l-vettura hija assikurata billi jippreżenta ċertifikat tal-assikurazzjoni debitament maħruġ skond il-liġi, il-Liġi tqisu li huwa ħati tar-reat de quo.[13] Skond l-Artikolu 3(1B) jekk l-akkużat iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma kien jaf biħ **u** li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir huwa huwa jitqies li jkun ressaq eċċezzjoni valida tali li tinnewtralizza l-każ tal-prosekuzzjoni.

***Ikkunsidrat***

Illi f'dan il-każ irriżulta pruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li s-sidien tat-travetti kkonfermaw li dawn kienu ġew misruqa mis-sit ta' kostruzzjoni.

[13] Regolament 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Pulizija, wara senjalazzjoni li saritilhom interċettaw lill-imputat li fil-vann misjuq minnu instabu travetti misruqa. L-imputat, wara li għażel li ma jikkonsultax ma avukat għażel ukoll li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Pulizija. Meta xehed huwa ta spjegazzjoni dwar kif it-travetti instabu fil-vann misjuq minnu kif ukoll iċ-ċirkostanzi ta' kif u għaliex kien qiegħed isuq dak il-vann meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija.

Il-pern kollu f'dan il-każ jistrieh jirrigwarda jekk filfatt l-imputat hux kredibbli f'dak li jgħid għal dak li jirrigwarda l-verżjoni tal-fatti kif ippostulati minnu. Dwar il-fatti *per se* ftit li hemm kontestazzjoni fis-sens li mhux qed jiġi kkontestat li l-imputat instab fil-pussess ta' disa' travetti li ma kienux propjeta' tiegħu u li dawn kienu provenjenti mis-sit ġewwa Triq San Gaetanu, fejn kien hemm is-sinjuri Azzopardi u Micallef kuntratturi, u li l-imputat kien filfatt qed isuq il-Ford Transit fejn irriżultaw in-nuqqasijiet riflessi fl-akkużi miġjuba kontrih fit-tielet u fir-raba imputazzjonijiet, għajr għal dak li jistqarr l-imputat fir-rigward ta' kif sab ruħu f'dik is-sitwazzjoni li skond kif iddeskriva hu hija ferm differenti minn dak allegat mill-pulizija u li jekk emnut prattikament jeżonerawh mir-responsabbilta' kriminali.

Illi għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-

grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-sub Artikolu (2) tal-istess Artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Ukoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża :

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...

In oltre prinċipju ieħor assodat mill-ġurisprudenza Maltija hi li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu u dan il-prinċipju japplika kemm għall-allegazzjonijiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk magħmula mid-Difiża u dan dejjem salv pero għall-preżunzjoni tal-innoċenza u għad-dritt għas-silenzju li l-imputat igawdi minnhom l-imputat nonche għall-grad ta' suffiċjenza probatorja differenti li trid tiġi soddisfatta mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża rispettivament.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għal dak li jirrigwarda r-reat tas-serq, din il-Qorti hija tal-fehma li bil-verżjoni mogħtija minnu matul din il-kawża, l-imputat ma rnexxielux iqajjem dubju raġonevoli sabiex ixxekkel it-teżi tal-Prosekuzzjoni fil-

konfront tiegħu. L-imputat allega l-involviment ta' ċertu Hamad is-Sirjan, kif ukoll ta' persuna oħra li kienet assoċjata ma dan Hamad is-Sirjan. L-imputat jgħid li dan tal-aħħar tela' fil-karrozza miegħu biex jassistieħ iħott it-travetti fil-kamra tiegħu l-Belt iżda ma kienx jaf min hu. Dan spiċċa biex ħarab mill-Ford Transit fil-mument li ġew akkostati mill-Pulizija, iżda li ismu ma ġiex żvelat. Il-preżenza ta' terża persuna u li kienet passiġġiera fil-Ford Transit misjuq mill-imputat ġiet ikkonfermata mill-Pulizija li filfatt rawħ tiela fil-vettura meta avviċinaw il-Ford Transit, u li rawħ ukoll jaħrab minn fuq il-post hekk kif il-Pulizija waqfu l-vann misjuq mill-imputat. Biss, minbarra x-xiehda tal-imputat ma hemm ebda prova oħra li tikkorrobora dak li l-imputat jgħid dwar Hamad is-Sirjan u dwar dik il-persuna l-oħra li skont l-imputat kienet assoċjata ma dan Hamid is-Sirjan.

Apparti minn hekk, filwaqt li l-imputat kellu dritt li jibqa' sieket, jirriżulta li meta l-imputat ġie mitkellem *a tempo vergine* mal-arrest tiegħu fuq ix-xena dakinhar tal-akkadut, u wara li ingħata d-drittijiet tiegħu, u mistoqsi dwar il-provenjenza ta' dawn it-travetti hu ma semma xejn minn dak li stqarr meta xehed *viva voce.* Dan qiegħed jingħad biss għar-raġuni li jekk dik l-informazzjoni kienet minnha, kieku qalha lill-Pulizija, din l-informazzjoni setgħet tiġi investigata mill-Pulizija fi stadju bikri ħafna u jekk ikkonfermata setgħet anke potenzjalment twassal biex huwa jiġi eskluż minn dawn l-imputazzjonijiet. Biss dan ma sarx u l-imputat jgħid li ma tkellimx għax l-ewwel ried li jkellem avukat. Biss kif

jidher a fol 19, meta mitkellem mill-Ispettur James Grech, huwa għażel li jirrifjuta l-jedd għal parir legali.

Inoltre, filwaqt li huwa minnu li l-imputat ma ħarabx meta ra l-Pulizija u waqqaf il-vann meta ġie hekk ordnat, dan ma jfissirx awtomatikament li l-imputat għamel dan għax ma kellux x'jaħbi jew għax ma kienx responsabbli għall-allegat serq. L-imġieba tal-imputat mal-wasla tal-Pulizija hija sinjifikattiva ħafna. Il-Pulizija li arrestawħ jixhdu li l-imputat beda jħawwad jew ilaqlaq fid-diskors meta ġie mistoqsi minnhom dwar dawk it-travetti. Dan minkejja l-fatt li skond dak li xehed hu, jekk jitwemmen, ma kellux għal xiex iħawwad fid-diskors peress li fil-fehma tiegħu kien kollox regolari u bis-sew.[14]

Apparti dan, irriżulta wkoll li hu kien qiegħed ipparkjat nofs triq[15] viċin tal-ħanut tiegħu li kien miftuħ. Dan l-istess ħanut kien instab ftit il-bogħod mis-sit ta' kostruzzjoni minn fejn insterqu t-travetti meritu ta' dan il-każ. Għalhekk għandu mis-sewwa wkoll il-fatt li l-imputat kien ben konsapevoli ta dawn it-travetti fuq is-sit – tant li l-Pulizija tal-RIU li kienu l-ewwel li waslu fuq il-post, inkluż wara s-Surġent tad-Distrett – ġew murija minn fejn l-imputat kien ġab dawn it-travetti – ċjoe mill-istess sit ta' kostruzzjoni.

[14] Skond ix-xhieda ta' PC497 l-imputat kien anki nnega li kien hemm persuna oħra fil-vettura miegħu u dan meta saqsewħ fejn kien mar il-passiġier li kien niżel mill-vann kif il-Ford Transit misjuqa mill-imputat ġiet akkostata minnhom.
[15] Ara x-xhieda ta PC497 Ryan Galea senjatament folio 80 minn dik id-deposizzjoni.

Mill-banda l-oħra, li l-imputat kien jeħtieġ travetti għalih personali jirriżulta wkoll mix-xiehda tiegħu stess meta jgħid li huwa kellu bżonn travetti biex jagħmel raff fil-kamra li qal li kellu l-Belt. L-*animus lucrandi,* jekk it-teżi tal-Prosekuzzjoni tiġi emnuta, tiġi b'dawn il-kliem konfermata minn kliem l-imputat stess.

Anke l-għażla tal-mezz ta' trasport adoperat hija ħolqa oħra fil-katina tal-evidenza ċirkostanzjali f'dan il-każ. Il-vettura użata f'din is-serqa ma kienetx tgħajjat lilu u rriżulta li kienet għadha reġistrata fuq *Carlos Auto Dealers*. Fattur ċirkostanzjali ieħor huwa d-data u l-ħin ta' meta dawn it-travetti kienu qedgħin jiġu trasportati u ċioe nhar il-Festa nazzjonali tal-għaxra ta' Frar għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija fi Frar meta jkun dalam. F'dik il-ġurnata u f'dak il-ħin ħadd mill-ħaddiema jew kuntratturi ma huma verosimilment mistennija li jkunu fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Fil-fatt ħadd mill-Pulizija li xehdu jew mill-kuntratturi ma kkonfermaw li kien hemm attivita' ta' xogħol għaddejja dak il-ħin meta l-imputat ħa lil Pulizija fuq is-sit ta' kostruzzjoni wara li ġie mwaqqaf bit-travetti fil-van misjuq minnu.

Illi l-elementi tas-serq jirriżultaw sodisfatti. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest li dawn it-travetti jappartjenu lil terzi u li huma f'ebda mod ma awtorizzaw lill-imputat jew lil xi persuna oħra teħodhom. M'hemm l-ebda dubbju lanqas li dawn it-travetti ttieħdu kontra l-liġi u li l-imputat ma kellu l-ebda jedd jeħodhom, tant illi dawn

instabu fil-vann li kien misjuq minnu u skond dak li hu stess stqarr mal-Pulizija dawn ittieħdu mis-sit li kien l-istess sit fejn il-kuntratturi Azzopardi u Micallef ikkonfermaw li t-travetti misjuba fil-vann tal-imputat huma filfatt tagħhom u li kienu f'dak is-sit ta' kostruzzjoni. Finalment it-tir tal-imputat skond kliemu stess kien li juża dawn it-travetti sabiex jibni raff fil-kamra li jgħid li għandu l-Belt juri wkoll l-element tal-qliegħ li ried jagħmel mis-serq ta'dawn it-travetti.

Illi in kwantu għall-kwalifiki tas-serqa in kwistjoni, jirriżulta li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li r-reat ġie kommess wara nżul ix-xemx. L-anqas hemm kontestazzjoni li l-valur tal-oġġetti misruqa filfatt jeċċedi l-ammont ta' €232.94.

Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-mezz skond ix-xhieda ta' PC497, meta l-imputat urieħ minn fejn kien ġab it-travetti hu kien iddiriġiehom u akkumpanjhom fis-sit ta' kostruzzjoni minn fejn ittieħdu fejn ġie nnutat li kien hemm ħajt 'qisu daqxejn maqlub'. Kif il-Pulizija ttawwlu ġewwa raw travetti oħrajn simili għal dawk li l-imputat kien għabba fil-vann li kien qed isuq. Di piu mir-ritratti eżebiti in atti mill-ispettur James Grech partikolarment minn dawk immarkati JG18, 19 u 20 jidher li hemm ħajt li jiċċirkonda s-sit ta' kostruzzjoni u fejn jidher ukoll li sabiex taċċedi għat-travetti in kwistjoni kien hemm il-ħtieġa li taqbeż dan iċ-ċint. Dan huwa indikattiv li biex inħarġu dawn it-travetti minn hemmhekk l-imputat kien ikollu l-ħtieġa li jiskala dan iċ-ċint. L-

iskalata hija waħda mill-klassifikazzjonijiet tal-kwalifika tal-mezz, u liema skalata tista anki tinsikeb bl-għajnuna ta' persuna oħra.[16] Madankollu skond dak li spjega s-surġent PS830 Christopher Raymond Debono li kien mar fuq il-post u li kien ukoll akkumpanja lill-imputat flimkien ma PC497 lejn is-sit ta' kostruzzjoni, jidher li hemm entratura li tagħti għal fejn kienu qedgħin dawn it-travetti.

Minħabba f'hekk, din il-Qorti mhix konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat skala sabiex iġib dawn it-travetti. Dan peress li fin-nuqqas ta' prova dwar minn fejn daħal u ħareġ l-imputat, il-Qorti ma tistax tgħid jekk daħalx u ħariġx mill-entratura jew billi skala l-ħajt. Huwa minnu wkoll li l-imputat kellu l-ġakketta li kien liebes mimlija trab; iżda dan mhux bilfors jindika prova ta' skalata u dan peress li l-immaniġjar u l-ġarr ta' dawn it-travetti kien ikun suffiċjenti sabiex hu jintela trabijiet. Kwindi għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jiġi attribwit l-aggravju tal-mezz.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għall-fini ta' kompletezza, din il-Qorti ser ukoll tagħmel referenza għat-teorija tal-pussess reċenti, li ġie msemmi miż-żewġ partijiet matul

[16] Ara l-Artikolu 266 tal-Kodiċi Kriminali.

it-trattazzjoni finali tagħhom. Skond dak li rriżulta mill-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Carmel Debono:*** [17]

> Hu evidenti li meta oggetti misruq jinstabu, fi zmien qasir wara li jkun sar is-serq, fil-pussess ta' xi hadd, tapplika l-hekk imsejha doctrine of recent possession. "If the accused was found in possession of goods which had recently been stolen, and if he offers no satisfactory explanation for this, the jury may be entitled to infer that he either stole those goods or received them. It is purely a question of fact and little more than a matter of common sense. No presumption of law is involved: the legal burden of proof remains on the prosecution as usual, and the accused's right to remain silent is unaffected" (Blackstone). Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi min jiehu pussess ta' xi oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru illi dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbandunat minn sidu jikkommetti serq.

Għalkemm l-imputat xehed dwar kif ġie fil-pussess ta' dawn it-travetti, din il-Qorti ma tqisx li din l-ispjega tiegħu hija suffiċjenti biex jiġi ritenut pussess legittimu u ġustifikat ta' dawn it-travetti. Dawn it-travetti kienu għadhom kif naqsu mis-sit in kwistjoni xi ħin qabel u fejn allura hu nstab li kien fil-pussess reċenti tagħhom. Id-Difiża ssostni li l-i*stock take* tal-għodda inkluż it-travetti sar madwar xahar qabel l-akkadut; iżda mill-banda l-oħra l-imputat inqabad hu u sejjer lil hemm minn fuq il-post u fil-mument li kien għadu kif għabba t-travetti mertu ta' dan il-każ.

Kwindi, apparti l-kunsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti rigward il-verosimiljanza o meno tal-verżjoni tal-imputat matul is-smiegħ tal-kawża, din id-dottrina tista' tiġi applikata għall-każ *de quo.*

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar l-1 ta' Novembru 1996.

L-imputat għalhekk sejjer jinstab ħati tal-akkuża ta' serq kif miġjuba kontra tiegħu iżda bl-eċċezzjoni tal-aggravju tal-mezz li għar-raġunijiet diġa mensjonati min din il-Qorti ma ġietx suffiċjentement ippruvata.

Konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni ta' riċetazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu peress illi din l-akkuża hija alternattiva għal dik tas-serq u b'hekk ma tistax tiġi attribwita flimkien mar-reat tas-serq fil-konfront tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni skond id-diċitura tar-regolamenti 13, 14 u 17 tal-leġislazzjoni sussidjarja 368.02 ir-responsabbilta' ta' din l-irregolarita' tinkombi fuq min ikun is-sid tal-vettura u ma jidhirx li dan il-ksur jestendi għal min ikun sempliċiment utent tal-vettura. Huwa minnu u mhux kontestat li l-vettura filfatt ma kellhiex liċenzja li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni tagħha fit-toroq u lanqas ma kellha d-disk esposta fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen tagħha, liema nuqqasijiet jikkostitwixxu l-ksur tar-regolamenti 13, 14 u 17 tal-leġislazzjoni sussidjarja msemmija.

Iktar importanti minn hekk, lanqas m'hemm xi kontestazzjoni li l-imputat effettivament għamel użu minn din il-vettura filwaqt li dawn l-irregolaritajiet kienu viġenti.

Irriżulta pruvat soddisfaċentement illi l-vettura in kwistjoni kienet irreġistrata fuq isem Paul Borg għan-nom ta' Carlos Auto Dealer. Fix-xiehda tiegħu Charles Borg[18] ikkonferma li l-vann *Transit* bin-numru BBD738 huwa tiegħu. Dax-xhud spjega li huwa *dealer* tal-karrozzi u l-vettura in kwistjoni hija reġistrata fuq missieru u ċioe' fuq Carlos Borg taħt in-negozju jismu *Carlos Auto Dealer* li jinstab Barbara Street, Ħamrun. Hu spjega wkoll li kien biegħ il-vettura lil John Pierre Farrugia, li għaraf, u żied jgħid li meta għaddijulu il-vettura kien fiha assikurazzjoni. Ix-xhud jgħid li lill-imputat kellu jtih l-affarijiet biex isir it-*transfer* għal fuqu.

Ix-xiehda ta' Carlos Borg ma kienx wisq konsistenti. Filwaqt li kkonferma li l-*Ford Transit* in kwistjoni huwa reġistrat fuq ismu, meta ġie biex jitkellem fuq il-bejgħ tiegħu beda kemxejn igerfex fid-diskors. A differenza ta' dak li xehed ibnu Charles, Carlos jgħid li l-karrozza biegħha (jew kien ser ibiegħha) lil missier John Pierre. Dax-xhud jgħid ukoll li l-vettura in kwistjoni kienet *resale* u b'hekk ma kinitx tinħtieġ liċenzjar peress li kienet maħruġa bħala *trial run* skond dak ippostulat taħt ir-regolament 36 taħt l-istess leġislazzjoni sussidjarja. Dan ix-xhud jgħid ukoll li filfatt kien irriżutlahom li l-vettura ma kelliex assikurazzjoni

[18] Folio 56 tal-atti proċesswali u datat nhar is-6 ta' Mejju 2015.

valida allavolja hekk kien mingħalihom inizzjalment. Finalment kemm Charles kif ukoll Carlos jikkonfermaw li l-*log book* u l-karti kollha relattivi kienu għadhom fil-pussess tagħhom u b'hekk t-trasferiment li huwa meħtieġ li jsir skond il-liġi ma kienx sar u dan irrispettivament ta jekk il-bejgħ effettiv kienx filfatt daħal fis-seħħ.

Kwindi in vista tal-fatt li t-trasferiment kien għadu ma sarx meta seħħ id-delitt u in vista wkoll ta' dak dispost mill-Artikolu 26 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta sorrett mill-ġurisprudenza,[19] fejn sid li jonqos milli jinforma lill-awtorita' rispettiva dwar it-trasferiment ta' vettura reġistrata fuqu lil terz huwa jibqa' jinżamm responsabbli taħt l-Att u jibqa rikonoxxut bħala sid. In vista allura tad-diċitura tar-regolament 13 tal-leġislazzjoni sussidjarja 368.02 jidher li l-imputat ma jistax jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' liċenzja ta' ċirkolazzjoni li kienet meħtieġa fuq din il-vettura fil-każ li ma kinitx *trial run.* Inoltre, din xorta waħda kienet qed tinstaq irregolarment fil-każ ta' eżenzjoni jekk kienet fuq *trial run* u dan peress li skond id-diċitura tar-regolament 36(7), il-vettura ma tistax tinstaqq ħlief għar-raġuni ta' *trial run* u fejn irid ikun hemm dejjem preżenti n-negozjant fuq min tkun reġistrata l-vettura matulha.

---

[19] Ara l-kaz fl-ismijiet ***Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et*** deċiż mill-Qorti tal-Appell, Ċivili Superjuri ppreseduta mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri, u l-Imħalfin Tonio Mallia u Joseph Azzopardi nhar id-29/11/2013 fejn ġie ddikjarat is-segwenti:

> Dan kien kaz dwar bejgh ta' vettura. Il-Qorti iddecidiet li l-bejgh kien validu peress li kif jiddisponi l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta), jekk vettura tinbiegh u dak li jkun ma jaghtix avviz lill-awtorita` kompetenti ta' dak il-bejgh jew trasferiment, il-persuna li fuqha kienet registrata l-vettura, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, "tibqa' soggetta ghad-dispozizzjonijiet ta' din l-ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura". In-nuqqas ta' registrazzjoni ma jfissirx li l-proprjeta` fil-vettura ma tkunx ghaddiet, izda biss izomm lill-persuna li fuqha kienet l-ahhar registrata l-vettura responsabbli ghad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi: izda mhux ghal aktar minn hekk.

Illi mill-banda l-oħra huwa r-regolament 18 tal-istess Leġislazzjoni sussidjarja konċernanti li jippreskrivi l-obbligu tal-esposizzjoni tad-diska tal-liċenzja tal-vettura li tkun huwa inkombenti fuq :-

> Is-sid, is-sewwieq u, jew min ikun inkarigat minn vettura bil-mutur għandu jkun responsabbli li jiżgura li l-imsemmija diska tal-liċenza tinżamm il-ħin kollu b'mod li dak li fiha jkun jista' jinqara faċilment.

Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat li effettivament kien qed isuq il-van Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BBD739 mingħajr din id-diska kif debitament ippruvat matul il-proċeduri, ser jinżamm responsabbli għall-parti tat-tielet akkuża konċernanti limitatament din l-irregolarita'.

***Ikkunsidrat : -***

Illi għal dak li jirrigwarda l-ksur tar-regolament 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, għal darb'oħra mhux qed issir kontestazzjoni *per se* dwar il-fatt innifsu u ċioe li l-vettura kienet qed tinstaq mingħajr assikurazzjoni. Id-Difiża pero teċepixxi l-eċċezzjoni għar-responsabbilta' tal-imputat skond kif ravviżat fis-subparagrafu (1B) tal-istess regolament. Skond dan is-subparagrafu :

> tista tingħata eċċezzjoni valida fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu 1 mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix ir-reat isir.

Ir-reat taħt l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi estiż anki għall-utent ta' vettura jew min ikun fil-pussess tagħha

allavolja mhux is-sid. Filwaqt li huwa minnu li l-imputat seta' ġab il-prova li ma kienx jaf dwar din l-irregolarita' peress li kien seta' ġie żvijat minn Carlos Borg u Charles Borg meta l-vettura in kwistjoni tħalliet għadu, mill-banda l-oħra ma jidhirx li eżerċita dik id-diliġenza dovuta biex jipprevjeni l-kummissjoni ta' dan ir-reat. Mill-provi ma jirriżultax li għamel xi verifiki appożiti sabiex jikkonferma dak li filfatt ġie mistqarr lilu dwar din l-assikurazzjoni qabel filfatt saq il-vettura. Dawn il-verifiki huma essenzjali li jsiru anki in konsiderazzjoni tal-fatt illi skond dak li rriżulta mill-atti, l-intenzjoni kienet li din il-vettura tinxtara u/jew tiġi trasferita għand l-imputat jew għand missieru. Dan ifisser li kien fl-interess tal-imputat li jagħmel verifiki tajbin u appożiti dwar l-istat tal-ħlas u operattivita ta' assikurazzjoni valida matul il-perjodu li l-vettura kienet qegħda tiġi misjuqa minnu. Dan kellu jiġi pruvat mill-imputat sal-grad tal-probabbli, flimkien mal-prova tan-nuqqas ta' għarfien li seta' kellu dwar din l-irregolarita'. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tqis li s-sewqan ta' vettura mingħajr liċenza valida u mingħajr assikurazzjoni valida huwa reat serju ħafna tenut kont tal-volum ta' traffiku li hawn f'dawn il-Gżejjer. Għal dawn ir-raġunijiet miġjuba minn din il-Qorti l-imputat ser jinstab ħati tar-raba akkuża miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat fejn jidher li preċedentement, senjatament fis-sena

2002 l-imputat kien diġa nstab ħati tar-reat tas-serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, ħin u mezz.[20] Qieset ukoll id-dettami tas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Abela*** fejn ġie mistqarr illi :

> ...huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi.[21]

Mill-banda l-oħra qieset li l-vittmi f'dan il-każ reġgħu ġew fornuti bir-*res furtiva* u ċioe bit-travetti, liema oġġetti kienu fil-pussess tal-imputat u ġew irtirati mill-pulizija mal-arrest tiegħu.

# *Deċide*

Illi wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 269, 270, 279(a), 280(1), 281, 334(a), 17, 20 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolamenti 13, 14, 17, 18 u 44(7)(c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u l-Artikolu 3(1)(1A)(1B)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni miġjuba kontriħ u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, il-Qorti qegħda ssib lil **John Pierre Farrugia**:

---

[20] Ara folio 3 tal-atti proċesswali.

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

(1) ħati tal-ewwel imputazzjoni tas-serq ikkwalifikat bl-aggravji tal-valur u tal-ħin iżda mhux bl-aggravju tal-mezz,
(2) ħati tat-tielet imputazzjoni għal dak li jirrigawarda l-ksur tar-regolamenti 17 u 18 tal-Liġi Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta;
(3) ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu.

In kwantu tal-piena il-Qorti rat li fir-rigward tar-reat tas-serq kwalifikat biss, l-imputat ma jistax jingħata piena taħt il-minumu maħdum skont l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, liema minimum jammonta għal għaxar xhur u għaxart ijiem. Il-Qorti ma tistax tagħti piena anqas minn din. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tikkundannaħ għall-piena ta' **sena priġunerija**.

Rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr ħlief jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija **fi żmien sentejn** mid-data ta' din is-sentenza u Qorti kompetenti tordna li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li hija wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi u bir-responsabbilta' tiegħu skont l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti tali reat fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre rat ukoll li skont l-Artikolu 3(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll dawk dwar l-Att dwar il-*Probation* ma jistgħux jingħataw għal reati kommessi taħt l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti tikkundannah għal **multa komplessiva ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)**.

Inoltre, ai termini tar-regolament 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna l-iskwalifika tal-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien **tnax (12) il-xahar**.

Stante illi ma jirriżultax li fil-jum tal-kommissjoni tar-reat in kwistjoni il-vettura misjuqa mill-imputat bin-numru tar-reġistrazzjoni BBD739 kienet proprjeta tiegħu, dil-Qorti mhix sejra tordna l-konfiska tal-istess vettura.

***Aaron M. Bugeja***